Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/2016

**Maria Cassar (appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. B'decizjoni tad-29 ta' Jannar, 2016 l-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) iddecieda:

*"L-appell jikkoncerna hlas li d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali qed jitlob ghax qed jallega li hallas zejjed lill-appellanti. Fl-ittra li baghtilha datata 7 t'April 2015 ighidilha biss li hi thallset zejjed is-somma ta' €383.42 f'ghajnuna ghall-mard ghall-perjodu ndikat fl-istess ittra peress li l-mezzi jeccedu l-iskala.*

*L-Arbitru jifhem li d-Dipartiment ma jistax jidhol f'hafna dettalji meta jibghat tali ittri l-aktar minhabba l-logistika u n-numru kbir ta' kazi.*

*Imma d-Dipartiment ghandu l-obbligu li meta jkun hemm kontestazzjoni, u specjalment meta ssir quddiem l-Arbitru, id-Dipartiment jaghti spjega cara ta' kif inhu nhadmu l-figuri u jaghti spjega dettaljata tal-ligi u kif dawn il-figuri jinkwadraw fil-provvediment tal-ligi.*

*L-Arbitru jista' jiddeciedi biss fuq l-atti li jkollu quddiemu u xejn aktar. Ikun inutli li d-Dipartiment ikollu file shih fuq il-kaz, jekk l-Arbitru ma jinghatax id-dettalji mehtiega sabiex ikun jista' jasal ghal decizjoni ragunata u motivate.*

*F'dan il-kaz, id-Dipartiment ezebixxa formola tat-Tibdil tac-Cirkostanzi li hija nieqsa ghal kollox mid-dettalji li jista' wiehed jasal biex jifhem kif ittiehdet id-decizjoni; ittra mill-HSBC li turi dhul ta' €832.62 minn pensjoni Awstraljana u workings tad-Dipartiment.*

*F'dawn il-workings hemm diversi figuri li juru d-dhul tal-appellanti ghas-snin 2013 u 2014 u l-kliem: "Case does not satisfy" kif ukoll perjodi differenti ghall-allegat hlas zejjed.*

*Mid-dokumenti hekk esebiti, l-Arbitru ma jistax jasal ghall-konvinciment morali li l-hlas zejjed li qed jallega d-Dipartiment b'xi mod gie ppruvat.*

*Kif diga' nghad, l-Arbitru jista' jiddeciedi biss skont l-atti li jkollu quddiemu u fin-nuqqas ma jistax jasal ghal deduzzjonijiet kapriccuzi.*

*Dan l-aktar u aktar meta hemm gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li jobbligaw lill-Arbitru li jasal ghal decizjonijiet infurmati, motivati u li jaghtu sodisfazzjon lill-partijiet.*

*F'dan il-kaz l-Arbitru jhoss li d-Dipartiment ma rnexxilux jikkonvincih kif wasal ghall-konkluzjoni li kien sar hlas zejjed u kif dan sanzjonati mil-ligi.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru qed jilqa' l-appell u jhassar u jirrevoka d-decizjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali tas-7 t'April 2015 kif komunikata lill-appellanti".*

2. Il-fatti huma:

   i. L-appellata kienet tircievi l-ghajnuna tal-mard sas-17 ta' April, 2015;
   ii. L-appellata tircievi wkoll pensjoni mill-Awstralja;
   iii. B'avviz datat 7 ta' April, 2015 gharraf lill-appellata li thallset zejjed is-somma ta' €383.42 fl-ghajnuna tal-mard li kienet irceviet fil-perjodu mill-20 ta' April, 2013 sas-17 ta' April, 2015, u dan minhabba li *"l-mezzi jeccedu l-iskala"*. Pero' fl-avviz m'hemmx spjegat kif wasal ghad-decizjoni li l-mezzi tal-appellata jeccedu l-iskala.

3. L-appellant appella mid-decizjoni. L-ilment hu li l-mezzi kollha fil-gimgha tal-appellata kalkulati skont id-disposizzjonijiet tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda *(Ghajnuna ghal Mard)* kienu izjed mir-rata tal-iskala ghal dik il-familja kif stabbilit bis-Seba' Skeda. Fir-rikors tal-appell, l-appellant iddikjara:

   *"10. Fl-2013 l-appellata bbenefikat minn pensjoni Awstraljana fl-ammont ta' €226.13 fil-gmgha. Il-pensjoni minima nazzjonali ghall-2013 kienet dik ta' €115.97 fil-gimgha u kwindi kien hemm differenza ta' €110.16 fil-gimgha bejn iz-zewg pensjonjiet. Fl-2014 l-appellata ibbenefikat minn pensjoni Awstraljana fl-ammont ta' €200.79. Il-pensjoni minima nazzjonali ghall-2014 kienet dik ta' €118.30 u kwindi kien hemm differenza ta' €82.49".*

4. L-appellata wiegbet li l-appell ghandu jigi michud in kwantu f'dan l-istadju appella dwar fatti li naqas milli jipprezenta quddiem l-arbitru. Ziedet li fl-appell hemm paragrafi li huma punti ta' fatt li ma jirrizultaw minn ebda dokument iehor ezebit u ghalhekk ma jistghux jigu sottomessi. F'kull kaz *de minimis non curat lex*.

5. Kif tajjeb qal l-arbitru, quddiemu kienu prezentati biss kopja ta' dokument bankarju li jikkonferma li sar depozitu fil-kont bankarju tagl-appellanti ta' €832.62, u karta b'*workings* li jidher li saru minn ufficjal tad-Dipartiment. Hadd ma xehed. Minn dawk id-dokumenti biss il-qorti ma tifhimx kif l-appellant jippretendi li l-arbitru seta' qatt jasal biex jichad l-appell tal-appellata. L-appellant kellu obbligu li jaghti prova li d-decizjoni tieghu kienet wahda ragonevoli, bazata fuq taghrif korrett u applikazzjoni tajba tal-ligi. Fil-kaz in ezami, dan zgur li ma sarx.

6. Kull ma fih wiehed mid-dokumenti huma cifri u kalkoli li ma gew konfermati minn hadd. Dokument li ma jistax jinghad li fih innifsu huwa prova tal-kontenut tieghu. Il-prova kienet tkun saret li kieku l-ufficjal li pprepara d-dokument, tela' jixhed quddiem l-arbitru u spjega l-ezercizzju li ghamel. Kien biss fir-rikors tal-appell li l-appellant ta spjega (ara paragrafi 10-14). Pero' din l-ispjegazzjoni ma kinitx quddiem l-arbitru. Bhala qorti ta' revizjoni din il-qorti

trid tistharreg id-decizjoni tal-arbitru fid-dawl tat-taghrif li kellu quddiemu u mhux spjegazzjonijiet li jinghataw waqt l-appell u li suppost ikunu tressqu bhala prova.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.